# L-Ewwel Ħadd tal-Avvent

## Qari I

*Mhux li kont iċċarrat is-smewwiet u tinżel!*

Is 63, 16b-17.19b; 64, 2-7

**Qari mill-Ktieb tal-Profeta Isaija**

[16]Int, Mulej, missierna,
ismek il-Feddej tagħna minn dejjem.
[17]Għaliex, Mulej, iġġegħelna nwarrbu minn triqatek,
u twebbsilna qalbna biex ma nibżgħux minnek?
Erġa' lura minħabba l-qaddejja tiegħek,
it-tribujiet li huma wirtek.

[19]Mhux li kont iċċarrat is-smewwiet u tinżel minn hemm!
U jitheżżu l-muntanji quddiemek
[64,2]meta int tagħmel għeġubijiet li ma konniex nistennew,
u sa mill-qedem qatt ma smajna bihom!
[3]Widna qatt ma semgħet,
għajn qatt ma rat Alla bħalek,
Alla li jħabrek għal min jittama fih.
[4]Int tilqa' lil min jagħmel is-sewwa bil-ferħ,
lil dawk li jiftakru fi triqatek.

Ara! Int kont mgħaddab għalina, u aħna dnibna.
Domna fi dnubna, u kontrik qomna għal ħafna żmien.
[5]Tniġġisna lkoll kemm aħna,
bħal ċarruta maħmuġa l-aħjar għemejjel tagħna;
bħal werqa lkoll dbilna
u ħżunijietna bħal riħ ġarrewna.

6Ħadd ma hawn li jsejjaħ ismek,
li jitħarrek biex iżomm miegħek.
Għax int ħbejt wiċċek minna, u rħejtna f'idejn ħżunijietna.
7Madankollu, Mulej, int missierna;
aħna t-tafal, u inti l-fuħħari;
aħna lkoll għemil idejk.

**Il-Kelma tal-Mulej.**
R/. Irroddu ħajr lil Alla.

## Salm Responsorjali

Salm 79 (80), 2aċ.3b.15-16.18-19

R/. (4): Reġġagħna għal li konna, Alla tal-eżerċti;
itfa' fuqna d-dija ta' wiċċek, u nkunu salvi

2O Ragħaj ta' Iżrael, agħti widen,
Int li qiegħed fuq il-kerubini, iddi:
3Qajjem il-qawwa tiegħek,
u ejja ħa ssalvana. R/.

15Erġa' ejja, Alla tal-eżerċti;
ħares mis-sema, u ara,
u żur 'il din id-dielja.
16Ħu ħsieb dak li ħawlet lemintek,
ir-rimja li int kabbart għalik. R/.

18Ħa tkun idek fuq il-bniedem ta' lemintek,
fuq il-bniedem li int saħħaħt għalik.
19Aħna ma nitbegħdux minnek;
roddilna l-ħajja, u aħna nsejħu ismek. R/.

# Qari II

*Nistennew id-dehra ta' Sidna Ġesù Kristu.*

1 Kor 1, 3-9

**Qari mill-Ewwel Ittra ta' San Pawl Appostlu lill-Korintin**

Ħuti: 3 Grazzja u sliem mingħand Alla Missierna u l-Mulej Ġesù
Kristu!

4 Jiena niżżi ħajr dejjem lil Alla tiegħi minħabba fikom għall-grazzja
li Alla takom, lilkom fi Kristu Ġesù; 5 fih intom stagħnejtu f'kollox,
f'kull kelma, f'kull għerf 6 daqs kemm ix-xhieda ta' Kristu kienet
imwettqa fikom.

7 Għalhekk m'intom nieqsa minn ebda don, intom u tistennew
id-dehra ta' Sidna Ġesù Kristu. 8 Huwa hu li jwettaqkom sal-aħħar
biex tkunu bla ħtija fil-jum ta' Sidna Ġesù Kristu. 9 Alla jżomm
kelmtu, minnu kontu msejħin biex tidħlu fix-xirka ta' Ibnu Sidna
Ġesù Kristu.

**Il-Kelma tal-Mulej.**
R/. Irroddu ħajr lil Alla.

# Akklamazzjoni qabel l-Evanġelju

Salm 84 (85), 8

Hallelujah. R/. Hallelujah
Uri lilna, Mulej, it-tjieba tiegħek,
u s-salvazzjoni tiegħek agħtina.
R/. Hallelujah

# Evanġelju

*Ishru għax ma tafux meta jerġa' jiġi sid id-dar.*

Mk 13, 33-37

**✠ Qari mill-Evanġelju skont San Mark**

F'dak iż-żmien, Ġesù qal lid-dixxipli tiegħu: [33]«Kunu għajnejkom
miftuħa, ishru, għax ma tafux meta se jasal il-waqt. [34]Jiġri bħal meta
bniedem ikun siefer u telaq mid-dar, iħalli kollox f'idejn il-qaddejja
tiegħu, kull wieħed fuq xogħlu, u lil tal-bieb jordnalu  biex jibqa'
jishar.

[35]Mela ishru, għax ma tafux meta jiġi Sid id-dar, jekk hux filgħaxija,
jew f'nofsillejl, jew xħin jidden is-serduk, jew inkella mas-sebħ,
[36]li ma jmurx jiġi għal għarrieda u jsibkom reqdin.

[37]U dak li qiegħed ngħid lilkom, qiegħed ngħidu għal kulħadd:
ishru!»

**Il-Kelma tal-Mulej.**
℟. Tifħir lilek Kristu